# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XLV**
**Illum it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Appell Nru 6/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander Scerri talli fil-11 ta' Lulju, 1997 ghall-habta ta' xi 00.30 a.m. fil-Furjana (**1**) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta' PC 391 George Spiteri u PC 419 Anton Buttigieg, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, bi ksur ta' l-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9; (**2**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded jew ingurja lill-imsemmija PC 391 u PC 419, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jew minhabba li kienu ghanlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfliwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, bi ksur ta' l-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9; (**3**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni tal-imsemmija zewg kuntistabbli skond ma ccertifika t-tabib Dott. A. Falzon Camilleri M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana, bi ksur ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9; (**4**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` l-uniformi ta' PC 419 Austin Buttigieg u fic-cella tal-Belt a dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara hija ta' aktar minn ghaxar liri izda mhux aktar minn hamsin lira, bi ksur ta' l-Artikolu 325(c) tal-Kap. 9; (**5**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9; (**6**) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi matul il-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat, hsejjes jew mod iehor, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(m) tal-imsemmi Kap. 9; (**7**) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal fil-pubbliku kliem fahxi, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha, u kliem oxxen, bi ksur ta' l-Artikolu 342 u 338(bb) tal-Kap. 9; (**8**) fl-

istess data, hin, lok u cirkustanzi irrifjuta li jaghti lil ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(g) tal-Kap. 9; (**9**) talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Lulju, 1989 u fl-14 ta' Jannar, 1992; (**10**) u aktar talli fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Mejju, 1996 ikommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha dik il-qorti, wara li kkunsidrat fost affarijiet ohra l-ammissjoni ta' l-imsemmi Alexander Scerri ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu (ammissjoni registrata quddiem l-ewwel qorti fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2000, fol. 107), iddikjaratu hati skond l-istess imputazzjonijiet; u, wara li ghamlet diversi riflessjonijiet dwar l-antecedenti penali tal-hati, dik il-qorti kkundannatu ghall-piena ta' **sena prigunerija** (u dan fir-rigward tar-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet aktar 'l fuq imsemmija) u inoltre **ordnat li tibda s-sehh is-sentenza (originarjament sospiza) ta' sena prigunerija moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)[1] fl-24 ta' Mejju, 1996**; dik il-qorti fl-ahhar nett irrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin "sabiex jaghti kull opportunita` lill-imputat [**recte:** lill-hati]…illi jibda programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga, kif ukoll ghar-riabilitazzjoni mix-xorb skond il-kaz";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alexander Scerri, minnu ppresentat fil-15 ta' Jannar, 2001; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' April, 2001; ikkunsidrat:

Dana l-appell, ghalkemm apparentement semplici, jippresenta fattispeci ftit strambi. Ghandu jinghad mill-ewwel li l-ewwel qorti naqset milli tapplika id-disposizzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 28E tal-Kodici Kriminali. Dik il-qorti kellha taghti piena wahda ta' prigunerija, u dana wara li tapplika r-regola kontenuta fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 17 ta' l-imsemmi Kodici.

L-appellant, bhala imputat quddiem l-ewwel qorti, ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Fl-udjenza li fiha hekk ammetta – 13 ta' Ottubru, 2000 – huwa kien assistit minn avukat. Fir-rikors ta' appell tieghu, ghalkemm hu ma jikkontestax dik l-ammissjoni (anzi jikkonferma li kien irregistra ammissjoni – ara t-tieni faccata u r-raba' faccata tar-rikors ta' appell), donnu jippretendi li din il-Qorti ghandha issa b'xi mod "tilliberah" mill-akkuzi migjuba kontra tieghu minhabba li dak li ghamel ghamlu waqt li kien fis-sakra; fi kliem l-appellant stess "…fil-mument ta' l-incident kollu ma kienx kapaci li jifhem jew li jkollu volonta` u anke kien fi stat ta' genn temporanju…". Hu evidenti li meta wiehed jirregistra ammissjoni ikun qieghed jassumi r-responsabbilta` penali kollha ta' dak li jkun qed jigi akkuzat bih, fis-sens li jkun qed jammetti mhux biss l-element materjali tar-reat in kwistjoni izda anke l-

[1] Sedenti l-Magistrat Dott. Saviour Demicoli.

element formali tieghu. Ma jistax, ghalhekk, wiehed jammetti imbghad wara jghid li kien hemm xi forma ta' karenza ta' l-element formali rikjest ghal dak ir-reat. Jidher li l-appellant, fl-udjenza tas-26 ta' April, 2001, intebah bl-erezija legali li kien qed jittanta jipproponi, tant li l-abbili difensur tieghu Dott. Malcolm Mifsud ivverbalizza ghal kull buon fini li l-appell kien proprjament limitat ghall-piena. Huwa effettivament f'dana s-sens <u>biss</u> – <u>cioe` bhala appell mill-piena</u> – li din il-Qorti tista' tikkunsidra l-appell interpost.

Mill-provi li lahqet gabret l-ewwel qorti qabel ma giet registrata l-ammissjoni aktar 'l fuq imsemmija, jidher li l-incident kollu li ghalih jirreferu d-diversi imputazzjonijiet sehh kemm waqt, kif ukoll minhabba, li l-appellant kien fis-sakra. Issa, fil-ligi taghna, ir-regola hi li s-sokor (li jinkludi intossikazzjoni permezz ta' narkotici jew drogi) ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali (ara s-subartikoli (1) u (5) tal-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali). Dan ifisser li, dejjem bhala regola, is-sokor la hi cirkostanza skuzanti u anqas cirkostanza skriminanti. Anzi c-cirkostanza tas-sokor tista', u f'certi kazi ghandha, titqies bhala cirkostanza aggravanti, bhal fil-kaz ta' min imiss l-alkohol meta jaf li meta jaghmel hekk jibda jitbellah u jikser il-ligi. Fil-kaz *de quo* jidher li r-reati principali, u cioe` dawk ipotizzati bl-ewwel erba' imputazzjonijiet, sehhew waqt li l-kuntistabbli Spiteri u l-kuntistabbli Buttigieg marru biex jarrestaw lill-appellant u jehduh l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt peress li hu kien qieghed fi Triq Sant' Anna, il-Furjana, jghajjar lis-sewwieqa tal-karozzi li kienu ghaddejjin minn hemm fis-sieghat bikrin tal-11 ta' Lulju, 1997. Wara li ssakkar fic-cella, jidher li l-appellant spicca fi stat ta' delirju, kif xehed is-surgent 667 Edgar Brog (ara d-deposizzjoni a fol. 50 sa 52). Tenut kont tac-cirkostanzi kollha, inkluzi l-antecedenti penali ta' l-appellant, din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ta' sena prigunerija moghtija mill-ewwel qorti ghar-reati kommessi fil-11 ta' Lulju, 1997 kienet wahda eccessiva, u ghalhekk din il-piena ser tigi riveduta.

Kwantu ghall-attivazzjoni tas-sentenza ta' sena prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Mejju, 1996, din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li jkun aktar utili ghas-socjeta` li fir-rigward ta' din is-sentenza jigi applikat il-provvediment tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti, naturalment, hi ben konxja tal-fatt li l-appellant ghandu sensiela ta' kundanni fejn huwa b'xi mod insulenta, hedded jew ghamel offizi fuq persuni inkarigati minn servizz pubbliku. Mill-banda l-ohra jidher li l-appellant ghamel sforz sabiex jipprova jikkoregi d-difett jew difetti fil-personalita` tieghu, kif jirrisulta mid-deposizzjoni tar-rappresentant tal-Caritas Karm Borg (fol. 90, 91). Fil-fehma tal-Qorti jkun aktar utili ghal kulhadd jekk, wara li jiskonta l-piena ta' prigunerija ghar-reati minn numru 1 sa 9, l-appellant jibqa' bix-xabla ta' Damokle fuq rasu. L-appellant, pero`, irid jifhem li din mhix xi haga li ser terga' tirrepeti ruhha; irid jifhem li huwa ma jistax, kull darba li jkollu xi inkontru ravvicinat mal-awtorita`, specjalment ma' ufficjali pubblici fil-persuna ta' pulizija, jitlef il-kontroll fuqu nnifsu u joltraggjahom jew jaggredihom. Il-Qorti tittama li din il-piena ta'

prigunerija li ser jinghata llum tiftahlu ghajnejh ghal x'hemm jistennieh jekk huwa jibqa' jgib ruhhu b'mod irresponsabbli fil-konfront ta' l-awtorita`.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tal-imsemmija sentenza li permezz taghha l-ewwel qorti ordnat illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Mejju, 1996 ghandha tibda ssehh u inoltre kkundannat lill-appellant misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu ghall-piena ta' sena prigunerija, u minflok tali ordni u tali piena tipprovdi s-segwenti: (**a**) tikkundanna lill-appellant ghall piena ta' <u>erba' (4) xhur u gharaxt (10) ijiem prigunerija</u>, u dan fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet minn numru 1 san-numru 9 imsemmija fil-bidu ta' dan il-gudikat, u (**b**) b'applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali tibdel il-periodu operattiv (ta' sentejn) tas-sentenza sospiza ta' sena prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Mejju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Stephen J. Gatt) v. Alexander Scerri*** b'periodu operattiv <u>ta' erba' snin mill-lum</u>; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul il-periodu operattiv ta' erba' snin mill-lum.

Fl-ahhar nett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur